# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 21

5 ta' Novembru 2025

Il-wieħed u għoxrin (21) seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar l-Erbgħa 5 ta' Novembru 2025 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Justine Vella Palmier | ( JVP ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Dale Cachia | ( DC ) | Kunsillier |

ASSENTI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Malcolm Agius Muscat — Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 21.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

21.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 21.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

21.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tal-għoxrin (20)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

21.2.2. Il-Viċi Sindku JAE ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 20.11.4 li għandha taqra "Floriana Young Stars Hockey Club".

21.2.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera JVP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, JVP, NH, SSH, DC)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 21.3 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU TAT-TIELET KWART TAS-SENA

21.3.1. Fuq qbil unanimu tal-Kunsill, din il-materja ġiet diskussa iktar tard matul l-istess laqgħa.

### 21.4 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

21.4.1. Is-Sindku NH qal li kien ġie avviċinat minn resident li kellu problema sabiex jaċċessa l-propjeta' tiegħu fi Triq il-Mall. Huwa qal li kien iltaqa' mal-persuna in kwistjoni fejn kien ġie issuġġeriet li jsiru l-emendi neċessarji billi tinħareġ biċċa quddiemu u jsir poġġaman biex b'hekk ma jkunx hemm ostaklu għar-residenti filwaqt li l-persuna jkollha aċċess liberu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

21.4.2. Is-Sindku ressaq ilment mingħand residenta li ilmentat rigward garaxx li mhux jintuża bħala garaxx iżda li minkejja dan kollu xorta waħda għandu tabella tan-No parking tal-Kunsill. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jivverifika dan l-ilment u jekk ikun hemm prova li l-post mhux jintuża bħala garaxx, allura t-tabella u s-sinjali li hemm għandhom jitneħħew immedjatament.

21.4.2.1. Il-Kunsill qabel ukoll li, fuq medda ta' żmien, il-gwardjani lokali jibdew iduru mat-toroq u jsir eżerċizzju xieraq f'dan ir-rigward.

21.4.3. Is-Sindku ressaq talba mingħand il-Floriana Young Stars Hockey Club. Il-Kunsill iddiskuta t-talba tagħhom u ma qabilx li japprova din it-talba. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jara li l-proċedura tkun spjegata sew għall-każijiet futuri.

21.4.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-SPCA biex jagħlqu parti mill-masġar tal-monument ta' Dante. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx li jiġi installat fence.

21.4.5. Is-Sindku ressaq ilment dwar il-latrini pubbliċi li hemm fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Is-SE qal li l-latrini kienu qed jiffunzjonaw imma kien għad jonqos li jiġi installat flushing ta' toilet minnhom. Huwa qal li dan il-flushing għandu jasal f'qasir żmien.

21.4.5.1. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-ħinijiet tal-għeluq tal-latrini u qabel li, għall-perjodu ta' prova ta' tliet xhur, il-latrini għandhom jibdew jingħalqu fid-9:30pm. Il-Kunsill qabel li l-perjodu ta' prova għandu jibda fil-15 ta' Novembru 2025 u li dan kollu ikun mingħajr preġudizzju.

21.4.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-kuratur ta' Ġnien l-Argotti fejn spjega t-talba li kien ressaq fil-laqgħa preċedenti. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx li għandu jilqa' t-talba u qabel li għandu jerġa' jirrikonsidra t-talba ladarba jinfetaħ l--aċċess għal Ġnien San Filippu.

21.4.7. Is-Sindku NH għamel riferenza għall-iskema ta' proġetti fil-komunitajiet tal-LESA. Il-Kunsill iddiskuta l-mod kif jitqassmu l-fondi fejn qal li ma jħossx li kien wieħed ġust.

21.4.7.1. Is-SE qal li l-Kunsill kien applika sabiex jiżdiedu tliet żoni oħra fil-lokalità li jkunu mgħammra bis-CCTV. Huwa kompla billi qal li l-proċess kien weħel għax iridu jinstabu konnessjonijiet għad-dawl u l-internet.

21.4.7.2. Is-Sindku qal li apparti l-konnessjonijiet, wieħed irid jassigura li l-kameras ikunu qed jiġu monitorjati sabiex il-Kunsill ma jkunx żied spejjeż ta' konnessjonijiet għalxejn.

21.4.7.3. Il-Kunsillier DC issuġġerixxa li l-Kunsill jesplora l-possibbiltà ta' solar powered cameras li jkunu on rotation.

21.4.7.4. Is-Sindku esiġa li jekk se jiżdiedu l-kameras, il-Kunsill irid ikollu ċertezza li dawn qed jiġu monitorjati u li qed jinħarġu ċitazzjonijiet meta jiġi identifikat abbuż. Hu għamel riferenza għal inċident riċenti fejn kien talab l-assistenza tal-LESA u fejn deher ċar li kien hemm nuqqas ta' monitoraġġ. Għalhekk huwa kompla billi qal li fin-nuqqas ta' ċertezza ta' monitoraġġ, jippreferi li l-istess fondi jintuzw għall-proġetti oħra fil-lokalità bħalma huma l-bankini, eċċ.

21.4.7.5. Is-Sindku reġa' ppropona li l-Kunsill jesplora li jsegwi fuq il-passi tal-Kunsill tal-Ħamrun billi jitlob għal impjegat li jkun jista' jimmonitorja l-kameras tal-Kunsill.

21.4.7.6. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li bil-fondi ta' din l-iskema, għandha tinxtara sistema kompjuterizzata inkluż monitor u dak kollu li hemm bżonn biex il-kameras tal-lokalità jibdew jiġu monitorjati internament.

21.4.7.7. Il-Kunsill qabel ukoll li ladarba jiżdied il-monitoraġġ, għandha tiġi esplorata l-proposta tal-Kunsillier DC.

21.4.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand in-National Literacy Agency rigward il-librerija fl-apert fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Il-Kunsill qabel li għandu jipproponi li jagħmlu kuntatt mal-Viċi Sindku JAE li kien il-kunsillier responsabbli mid-dekasteru tal-edukazzjoni.

21.4.9. Is-Sindku ressaq stedina mingħand il-Malta Union of Teachers għal quddiesa u riċeviment fl-okkażjoni tal-anniversarju tal-istess Union.

## 21.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

21.5.1. Il-Kunsillier DC għamel riferenza għall-korrispondenza mibgħuta mill-organizzaturi tal-programm Bonġu Malta fejn kien hemm lista ta' talbiet inkluż proposta għal lista ta' personalitajiet li jistgħu jieħdu sehem fil-programm. Wara li ddiskuta, is-Sindku ippropona li din il-lista tiġi ċirkolata mal-kunsilliera kollha ħalli jkunu jistgħu jittieħdu s-suġġerimenti ta' kulħadd. Il-Kunsill qabel u qabel li jingħata ċans sal-Ġimgħa.

21.5.2. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm tweġiba rigward it-talba għal laqgħa mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta. Is-SE qal li sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat tfakkira.

21.5.3. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għal siġra li kienet qed taqla' ċ-ċangatura. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-ERA dwar dan sabiex jara x'jista' jsir.

21.5.4. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm żvilupp rigward it-tiswija tal-vettura tal-Kunsill. Is-SE qal li l-vettura għandha tidħol għat-tiswija fi ftit jiem u li għandu jitkellem ma' tal-iskema sabiex jinstab xufier.

21.5.5. Il-Kunsilliera JVP staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-palma li hemm fi Triq Sant'Anna. Is-SE qal li kien bagħat korrispondenza iżda kien għad m'hemmx risposta.

21.5.6. Il-Kunsilliera JVP irringrazzjat lill-amministrazzjoni tal-kunsill għall-korrispondenza li ntbagħtet rigward tindif fil-Masġar tal-Ġublew.

21.5.7. Il-Kunsilliera JVP staqsiet jekk hux ser isiru is-sinjali tat-traffiku fi Triq Nazzjonali. Il-Kunsilliera SSH qalet li dawn għandhom isiru dalwaqt.

21.5.7.1. Is-Sindku qal li kienu tfaċċaw sinjali ikkuluriti fejn kien sar it-trenching fi Triq Pietro Floriani. Is-SE spjega li s-sinjali b'kuluri differenti jkunu saru minn entitajiet differenti possibbilment wara li l-entitajiet ikunu ġew

infurmati li ser isiru xogħolijiet fit-triq partikolari. Is-Sindku talab lis-SE biex jagħmel kuntatt ma' Infrastructure Malta biex dawn ifittxu jsiru.

## 21.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI

21.6.1. Ma kienx hemm rapporti ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

**Nota: 18:16 Is-Sindku NH talab li jkun skużat.**

## 21.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI SKEDA TA' PAGAMENTI

21.7.1. Il-Viċi Sindku JAE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 16/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

21.7.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera SSH u issekondata mill-Kunsilliera JVP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

**Nota: 18:18 Is-Sindku NH irritorna għal-laqgħa.**

## 21.8 ATTIVITAJIET FIĊ-ĊENTRU RIKREATTIV IR-RE ĠORĠ V

21.8.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-attivitajiet li perjodikament jiġu organizzati fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

21.8.2. Is-Sindku kompla billi qal li hu kien kellu diversi ilmenti dwar l-istorbju rigward l-attività tal-Filippino Cultural Event li kienet ġiet organizzata riċentement minn organizzatur privat. Hu qal li minkejja li kien tkellem mal-organizzatur biex il-mużika tinżamm baxxa biex ma ddejjaqx lin-nies tal-madwar, jidher li dan xorta ma ġiex osservat.

21.8.3. Huwa qal li kien qed jipproponi li l-Kunsill ma jilqax it-talba biex terġa' tinżamm l-attività msemmija fiċ-Ċentru Rikreattiv Re Ġorġ V, u dan biex jiġu mnaqqsa l-inkonvenjenzi lejn ir-residenti. Huwa ippropona li l-Kunsill jinforma lill-organizzatur sabiex jilħaq isib post alternattiv. Il-Kunsill qabel.

21.8.4. Is-Sindku ippropona li kwalunkwe attività għandha tuża ħinijiet u volum ta' sawnd raġonevoli.

## 21.9 AĠĠORNAMENT DWAR L-ATTIVITAJIET TAL-MILIED

21.9.1. Is-Sindku stieden lill-Kunsillier DC sabiex jagħti aġġornament fuq din il-materja.

21.9.2. Il-Kunsillier DC qal li kien ġab xi kwotazzjonijiet għall-attività tal-ferrovija u qal li kien qed jistenna kwotazzjoni oħra sabiex ikollu tliet kwotazzjonijiet.

21.9.3. Is-Sindku għamel riferenza għall-kuntrattur tad-dawl tal-Milied u insista li jkun hemm salvagwardji li d-dawl jinxtegħel fl-1 ta' Diċembru hekk kif maqbul mil-Kunsill. Is-SE qal li kien tkellem mal-kuntrattur sabiex jiġi l-Kunsill u jsir ftehim.

**Nota: 18:29 Is-Sindku NH talab li jkun skużat.**

21.9.4. Il-Kunsillier DC qal li kien ġab ukoll kwotazzjoni għad-divertiment waqt il-festin tal-anzjani fejn kien ġie offrut żewġ possibiltajiet, €350 + VAT jew sagħtejn €500 + VAT.

**Nota: 18:30 Is-Sindku NH reġa' attenda għal-laqgħa.**

21.9.4.1. Il-Kunsill qabel li għandu jilqa' l-aħħar kwotazzjoni anke minħabba li din kienet għal sagħtejn u kienet tinkludi wkoll is-servizz ta' preżentatur.

21.9.5. Il-Kunsillier DC qal li kien talab ukoll kwotazzjoni għall-caroling ta' ġod-Dar tal-Anzjani.

21.9.6. Il-Kunsilliera SSH fakkret fir-rigal żgħir li soltu jingħata lill-anzjani. Il-Kunsill qabel li jinxtara rigal bħalma soltu jsir.

21.9.7. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm kjarifika rigward l-armar tas-siġra tal-Milied. Is-SE qal li din kienet se tkun waħda mill-affarijiet li se jiġu diskussi meta jiltaqa' mal-kuntrattur.

21.9.8. Il-Kunsillier DC qal li kien tkellem ma' tal-mużew rigward il-purċissjoni tal-Bambin u l-purċissjoni għandha ssir fit-23 ta' Diċembru.

21.9.9. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-festin tal-anzjani jinżamm nhar it-2 ta' Jannar 2026.

**Nota: 18:36 Il-Kunsill qabel li għandu jissospendi l-laqgħa sabiex jilqa' l-intervent tal-accountant tal-Kunsill.**

**18:52 Il-laqgħa tal-Kunsill tkompliet.**

## 21.3 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU TAT-TIELET KWART TAS-SENA

21.9.10. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li l-Kunsill irid japprova ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena.

21.9.11. Il-Viċi Sindku JAE ippropona l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport, issekondat mill-Kunsillier DC, bir-riżultat ikun wieħed favur b'mod unanimu.

## 21.10 L-ATTIVITÀ FAIRYLAND ORGANIZZATA MILL-AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU

21.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi stieden lill-Kunsillier DC sabiex jispjega aħjar x'kien intqal matul il-laqgħa li kienet inżammet.

21.10.2. Il-Kunsillier DC qal li l-ispazju li ser jintuża kien ser jiġi estiż sa Montgomery House.

21.10.3. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jesiġi li jitħallas ta' dak kollu li jintrama fil-pjazza tal-Fosos. Huwa qal li l-Awtorità tat-Turiżmu kienet qed toġġezzjona li l-Kunsill jaħdem b'dawn il-miżuri u kienu talbu li l-Kunsill jirrevedi l-pożizzjoni tiegħu ġaladarba din l-attività kienet iffinanzjata mill-Gvern u kienu qed iqisuha bħala attività nazzjonali.

21.10.4. Is-SE qal li kien ħa parir u m'hemm imkien li jiddefinixxi x'inhu proġett nazzjonali u għalhekk m'hemm xejn li jistipula jekk din l-attività taqax taħt proġett nazzjonali jew le.

21.10.5. Is-SE żied jgħid ukoll li din kienet attività kummerċjali bħal ħafna oħrajn li jsiru fil-lokalità fejn wieħed irid iħallas biex jagħmel użu mill-attrazzjonijiet li qed joffru. Huwa żied jgħid ukoll li l-kunsill, bħala entità governattiva, xortawaħda jħallas affarijiet bħal liċenzji lill-istess Awtorità tat-Turiżmu minkejja li l-kunsill mhuwiex entità li tagħmel profitt.

21.10.6. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu jitlob siteplan aġġornata u jiċċarġja skont il-metri kwadri. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni li minkejja li hu kunsill lokali, xortawaħda jħallas għas-servizzi mogħtija minn kwalunkwe entità tal-gvern bħalma huma l-istess Awtorità tat-Turiżmu, is-CPD, il-LESA, il-Pulizija, l-IRD u s-Sigurtà Soċjali kif ukoll għal servizzi oħra offruti mill-gvern bħalma huma d-dawl u l-ilma u saħansitra l-kirja tal-binja li minnha jopera. Għalhekk l-argument li għax l-attività tkun organizzata minn entità tal-gvern allura m'għandhomx iħallsu, ma jreġġix.

## 21.11 ĠENNA TA' ĠONNA

21.11.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li sfortunatament l-attendenza għal dil-attività kienet inqas minn dik ta' snin preċedenti u dan forsi anke minħabba t-temp. Minkejja dan huwa qal li dejjem jifdal fejn isir titjib.

21.11.2. Is-Sindku qal li għandha tiżdied il-pubbliċità għall-attività minħabba li r-reklami fuq Facebook ma jidhirx li qed ikunu biżżejjed.

21.11.3. Is-Sindku ippropona wkoll li jsir sottokumitat speċifikament għall-attività ħalli din ma tibqax tintrefa minn bniedem waħdu u fl-istess waqt jitkabbar iktar l-involviment tan-nies. Il-Kunsill qabel.

21.11.4. Il-Kunsillier DC għamel riferenza għall-kambjament li sar fil-post fejn ramat il-band. Huwa qal li l-kuntratturi għandhom jibdew jingħataw kundizzjonijiet bil-miktub minn qabel biex ma jinbidlux l-affarijiet l-aħħar minuta.

21.11.4.1. Is-SE qal li dan irid isir għal kull kuntrattur li jkun se jitħallas somma kuntrattwali. Minkejja dan fil-każ ta' din il-band, id-deċiżjoni li jinbidel il-post kienet ittieħdet wara li tas-sound u tal-istage kien informa lill-Kunsill li ma riedx jarma fi Ġnien il-Mall minħabba l-maltemp.

21.11.4.2. Il-Kunsilliera SSH staqsiet għalfejn din il-klawżola li ma jarmax fix-xita ma kienitx ġiet inkluża fil-kuntratt. Is-SE qal li l-kuntratt kien ġie wara fejn kien talab lill-Kunsill jiffirma li jidħol responsabbli għal kwalunkwe ħsarat li jista' jkun hemm.

21.11.4.3. Is-SE qal li hu kien bagħat lill-kunsilliera kollha u informahom dwar dan iżda ma kienx hemm tweġiba. Huwa qal li kien inġust li fi tmien siegħat ma jwieġeb ħadd jumejn qabel l-attività iżda mbagħad matul l-attività kulħadd jippretendi li jkun informat b'kollox immedjatament.

21.11.4.4. Il-Kunsilliera SSH insistiet li dan il-ftehim kien missu sar minn xhur qabel u li minn dakinhar 'il quddiem għandu jkun hemm kundizzjoni inkluża li tindika l-possibbiltà li jkun temp ħażin matul l-attività.

21.11.4.5. Il-Kunsilliera SSH u l-Kunsillier DC komplew jinsistu li l-band kien missha daqqet post ieħor fejn ma jkun hemm l-ebda bar miftuħ u ma tkun armata quddiem ħadd.

21.11.4.6. Is-Sindku qal li d-deċiżjonijiet xi kultant ikollhom jittieħdu malajr u li hu kien informa li ma kienitx tagħmillu differenza fejn jarmaw.

21.11.4.7. Is-SE qal li l-Kunsill kien se jkun obbligat iħallas lill-band xorta waħda ladarba jkun aċċetta l-kwotazzjoni.

21.11.4.8. Il-Kunsillier DC insista li l-affarijiet għandhom ikunu mniżżlin fil-kuntratt minn qabel sabiex jiġu evitati dawn il problemi iktar 'il quddiem.

21.11.4.9. Is-Sindku qal li kien hemm problema oħra li riedet tiġi kkunsidrata minħabba li l-band kellhom bżonn is-sound ukoll li dan ried jinġieb minn xi mkien.

**Nota: 19:31 Is-Sindku NH talab li jkun skużat.**

21.11.4.10. Is-SE qal li hu kien talab lill-għaqdiet lokali f'Ġunju li għadda u tahom ukoll estensjoni. Huwa qal li l-istess estensjoni kienet ingħatat lill-kunsilliera meta kienet ġiet diskussa l possibbiltà li tinbidel il-band. Huwa qal li f'dak iż-żmien kollu ħadd ma kienet ġietu f'moħħu l-possibbiltà li jinkludi klawżoli f'każ li ma jarmax.

21.11.4.11. Il-Kunsillier DC qal li din kienet ġiet mitkellma fl-attività ta' St Patrick's Day fejn fi kwalunkwe kuntratt fejn kien se jingħata servizz għandu jkun hemm opt out clause. Is-SE qal li din il-proposta ma kienitx tressqet jew ittellgħet fl-ebda laqgħa tal-Kunsill.

**<u>Nota: 19:33 Is-Sindku NH reġa' irritorna għal-laqgħa.</u>**

21.11.4.12. Is-Sindku NH qal li meta kien ġie jkellmu l-Viċi Sindku kien qallu li għalih ma tagħmilx differenza fejn tarma l-band dment li ma tarmax quddiem kwalunkwe każin politiku.

21.11.5. Is-SE qal li għandu jibda' jsir postmortem wara l-attività.

21.11.6. Il-Kunsillier DC informa li fl-attività tal-ġibjun kienet inġabret is-somma ta' €435 għall-Malta Community Chest Fund. Huwa qal li l-ġibjun kienu żaruh madwar mitejn u għoxrin persuna.

21.11.7. Is-SE qal ukoll li f'isem l-istaff amministrattiv qed jitlob li l-istaff jiġi mitkellem b'mod ċivil speċjalment fil-pubbliku.

21.11.7.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi kienet stenniet li jċemplulha u li kienet informat lill-membru tal-istaff li ma kienitx qed taqbel mad-deċiżjoni u stenniet li dan jiġi ikkomunikat minnu.

21.11.7.2. Is-SE qal li ma kienx kompitu tal-istaff li jieħu deċiżjonijiet jew joqgħod jinforma bid-deċiżjonijiet li jkunu qed jittieħdu.

21.11.7.3. Is-Sindku qal li f'każ li ma kienx hemm qbil kellhom jikkuntattjaw lilu dirett u mhux jinformaw lill-istaff amministrattiv.

21.11.7.4. Il-Kunsilliera SSH qalet li kien prova jikkuntattjah il-Kunsillier DC.

21.11.7.5. Is-SE qal li dakinhar tal-attività kien hemm ħafna affarijiet jiġru f'daqqa u anke jekk inħass li kien hemm xi nuqqas xorta waħda ma kellix tinħoloq kommossjoni bejn kunsillier u membru tal-istaff fil-pubbliku.

21.11.8. Il-Viċi Sindku JAE qal li kien talab lill-Floriana FC li kienu qablu li joffru gear iffirmat biex jissokta mal-kampanja Qalb Furjaniża, Qalb Ħanina fejn l-ammont miġbur ser jingħata lill-Malta Community Chest Fund.

## 21.12 Ir-Riġenerazzjoni u l-Kriżi Demografika tal-Floriana

21.12.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kien qed jissuġġerixxi li din il-materja tittella' fuq livell ieħor billi ssir konferenza fuq livell reġjonali fejn jiġu mistiedna xi membri parlamentari, ministru tal-housing, kelliema tal-oppożizzjoni u s-sindki tar-reġjun u jsir ukoll seminar.

21.12.2. Huwa qal li din il-kriżi trid tiġi trattata fuq livell reġjonali u għalhekk għandhom jiġu mistiedna dawn in-nies proposti biex jitkellmu u jressqu s-suġġerimenti tagħhom għal dan il-għan. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

21.12.3. Is-Sindku qal li diversi lokalitajiet kienu għaddejjin minn din l-istess problema u għalhekk għandha ssir ħidma b'mod kollettiv biex issir xi ħaġa rigward din il-problema.

21.12.4. Il-Viċi Sindku qal li kien talab li ssir laqgħa mal-kamra tal-periti u għandu jinforma lill-Kunsill appena jkun hemm data.

## 21.13 Aġġornament tal-laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

21.13.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 9 ta' Diċembru 2025 fil-5.15pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta 9 ta' Diċembru 2025**

| | |
|---|---|
| (iffirmat) | (iffirmat) |
| Nigel Holland<br>Sindku | Malcolm Agius Muscat<br>Segretarju Eżekuttiv |